MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2501/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Michael Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm174.77c (mija w erbgha u sebghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond Carinya Garage 7, Triq it-Tabor, Lija, skond il-kont numru 600452560.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-26 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha l-Korporazzjoni attrici cediet is-sorte, stante pagament ta' l-istess fil-mori tal-kawza, u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu ghall-ispejjez tal-kawza li gie pprezentat mill-Korporazzjoni attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici koncernanti l-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------